MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1598/1992/1

**Joseph Bonnici**

**Vs**

**John Mizzi u Jovan Mizzi**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-kontendenti Joseph Bonnici u John Mizzi huma l-proprjetarji ta' zewg fondi biswit xulxin fi Triq Mater Boni Consilii, Rahal il-Gdid;

Premess illi dan l-ahhar, il-konvenuti, jew min minnhom, ghamlu jew ippermettew li jsiru diversi xoghlijiet strutturali

fil-proprjeta` tal-konvenut John Mizzi u fil-kors ta' dawn ix-xoghlijiet gew kkagunati hsarat u danni lil u fil-proprjeta` ta' l-attur;

Premess illi l-konvenuti ghamlu tajjeb ghall-parti mid-danni li kkagunaw, izda fadallhom ihallsu s-somma ta' tlett mija u sebgha u sittin lira Maltija (Lm367) ghad-danni mhux saldati kif jirrizultaw ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Premess illi l-konvenut Jovan Mizzi, bhala l-persuna li milli jidher kellu t-tregija tax-xoghol f'idejh, interpellat biex ihallas dawn id-danni, anke ufficcjalment, baqa' inadmpjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni li sofra l-attur fil-proprjeta` tieghu;

2. Tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' Lm367 jew kull somma ohra li tista' talvolta tigi likwidata mill-Qorti in linea ta' danni, occorrendo bl-opera ta' perit nominand;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur l-imsemmija somma Lm367 jew dik is-somma li tigi likwidata mill-Qorti;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tad-9 ta' Ottubru, 1992, u ta' l-ittra ufficcjali tas-26 ta' Ottubru 1992, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficcjali (cioe` mit-28 ta' Ottubru 1992), kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi fiha huma eccepew:-

1. Illi preliminarjament ghall-fini ta' l-interess guridiku l-attur irid l-ewwel jipprova illi huwa proprjetarju tal-fond ma' genb dak fejn saru x-xoghlijiet esegwiti mill-konvenut ossia l-aventi kawza tieghu;

2. Illi l-konvenut Jovan Mizzi mhux proprjetarju ta' l-ebda fond fejn saru xi xoghlijiet li jistghu jeffettwaw lill-attur jew proprjeta` tieghu u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi l-eccipjenti ma kkawzaw l-ebda danni lill-attur;

4. Illi kull pretensjoni li kellu l-attur ghal danni allegatament minnu sofferti gew pienament saldati mill-aventi kawza tal-konvenut John Mizzi *ex gratia* sabiex jigi presevat il-buon vicinat;

5. Illi d-danni pretizi mill-attur huma elenkati fl-anness Dok. JM u certament ma jlahhqux is-somma pretiza fic-citazzjoni anzi huma ferm inferjuri ghall-kompetenza ta' din il-Qorti;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tat-22 ta’ Marzu 1993 li permezz tieghu gie nominat bhala perit tekniku AIC David Pace biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess perit tekniku li tinsab a fol. 41 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-3 ta’ Dicembru 1997;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Fil-kaz hawn trattat jirrizulta illi l-attur u l-konvenut John Mizzi huma l-proprjetarji rispettivi taz-zewg fondi biswit xulxin fi Triq Mater Boni Consilii, Rahal Gdid;

Jirrizulta li fil-fond tieghu l-konvenut ghamel xoghlijiet strutturali li kellhom bhala konsegwenza hsarat fil-fond ta' l-attur. Huwa dan l-ilment principali ta' l-attur u ta' dan qed jippretendi r-rizarciment tad-danni;

Kif kien mistenni f'kawza ta' din ix-xorta l-Qorti hatret perit tekniku biex jistabbilixxi n-natura tal-hsarat u jikkwantifika d-danni;

Fir-rapport tieghu (fol. 41) il-perit tekniku AIC David Pace ezamina essenzjalment id-dokumenti esebiti mill-attur konsistenti f'certifikati minn periti *ex-parte* kif ukoll xi ritratti;

Bazikament il-perit relatur stabilixxa s-segwenti deduzzjonijiet ta' interess:-

I. L-ispiza mill-attur ghat-tqeghid ta' art tal-konkos u xibka fl-art kienet necessita in kwantu l-konvenuti fil-kors tax-xoghlijiet intrapezi minnhom dahhlu taht l-art tal-garaxx ta' l-attur fis-sottoswol li ghalhekk htieglu jiehu l-prekawzjonijiet sabiex, in vista tal-fatt li r-radam li tqieghed mill-konvenuti ma kienx konsolidat u ppakkjat u mbattam sew, ma tigrilux hsara bi qsim fil-konkos ta' l-art u, aktar u aktar, fil-medda tal-katusi;

II. Il-likwidazzjoni ta' din l-istess spiza fl-ammont ta' mitejn u tlett liri, tmienja u erbghin centezmu (Lm203.48) kienet allura wahda gustifikata;

III. L-irjus ta' danni ohra pretizi mill-attur, u totalizzanti l-ammont ta' mija erbgha u sittin lira Maltija (Lm164) jinsabu elenkati fl-ittra ta' l-avukat tieghu tat-22 ta' Gunju 1992 lill-konvenut John Mizzi (fol. 6 u fol. 13).

Minn dawn l-irjus ta' danni l-perit tekniku accetta biss dawk relattivi ghax-xoghol fuq il-faccata (Lm15), spejjez ta' gulley u l-bent tal-katusi (Lm3), spejjez ta' tiswija tal-hajt tal-bricks, spejjez ta' tliet bowsers ilma biex jimtela l-bir li garrab hsarat (Lm21) u l-kont tal-perit inkarigat mill-attur (Lm12);

Kwantu ghall-ispiza reklamata ghal diesel biex jinzel jitma z-ziemel Marsaxlokk (Lm93), il-perit uza, kif kellu kull dritt jaghmel, l-arbitriju tieghu u rreduca din is-somma ghal hamsin lira Maltija (Lm50);

Jirrizulta inoltre li l-perit tekniku gustament ma accettax l-ispiza pretiza ghal hsara fil-karru li skond l-attur thalla barra fix-xemx ghal tmien xhur.  Dan ghar-raguni illi, kif korrettement rilevat, kien jinkombi b'dover fuq l-attur illi jiehu kura ta' hwejgu u b'hekk jimmitiga t-telf li jkun garrab bhala konsegwenza ta' l-att ta' min ikkagunalu l-hsara. Dan hu hekk xieraq anke in sintonija mal-principju rakkolt fil-gurisprudenza illi "id-danneggat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara" (**Vol. XXXVIII P I p 249; Vol. XL P II p 653**);

Gara pero` li meta l-perit gudizzjarju gie biex jiffinalizza l-konteggi nesa jnaqqas ukoll l-ispiza allegatament inkorsa ghal dan il-karru (Lm10);

Li jfisser ghalhekk li l-ammont globali dovut ghandu jaqra tliet mija u erbatax-il lira Maltija, tmienja u erbghin centezmu (Lm314.48).  Jigifieri Lm203.48 + Lm111;

Issa jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti pprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom (fol. 11) imbaghad naqsu li jipproducu provi kif hekk jidher mill-atti processwali;

In linea principali l-konvenuti, ghall-assunt tal-kolpa sostnuta mill-attur, jopponu ruhhom billi jeccepixxu li huma ma kkawzaw l-ebda dannu;

Hu ben assodat f'bosta decizjonijiet illi "*si ha la colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria ommissione di diligenza, per cui non si*

*prevedono le conseguenze della propria azione od ommissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene*" (**Vol.XXIV P I p 172**). Fl-istess sens is-sentenzi a **Vol. XLII P I p 74; Vol. XLVIII P I p 258** u "**Dottor John Cesareo M.D. et -vs- Francesco Sciberras et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 23 ta' Jannar 1980;

Hi ligi espressa li kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dak l-uzu (Artikolu 1030 tal-Kodici Civili). Fil-kaz *de quo* ma jidherx li dan il-jedd gie ezercitat fil-"qies li jmiss". Anzi, kif manifest anke mill-perizja li qed tigi addottata, fl-ghemil tieghu l-konvenut John Mizzi ma jidhirx li uzu l-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili) u ghalhekk ghandu jwiegeb ghad-danni (Artikolu 1031 tal-Kodici Civili);

Eccezzjoni ohra sollevata mill-konvenuti tghid li l-konvenut Jovan Mizzi ma huwiex il-proprjetarju tal-fond fejn saru x-xoghlijiet u ghalhekk m'ghandux jinstab fi htija. Fil-verita l-Qorti ma tarax ghalfejn tharrek ukoll dan il-konvenut billi mill-provi la jirrizulta li hu sid il-fond u lanqas jinghad li kien involut fix-xoghlijiet. L-ittra esebita a fol. 6 hi diretta biss lil konvenut John Mizzi u mhux ukoll lil konvenut Jovan Mizzi;

Hi x'inhi l-qaghda l-Qorti ssib li r-responsabilita hi tal-konvenut John Mizzi proprejtarju tal-fond. Kif jinghad a propositu fid-decizjoni riportata a **Vol. III pagna 16**, "*non puo` un vicino esimersi dallo obbligo di rimuovere la causa dei danni che soffrisse l'altro vicino nel proprio fondo quantunque in tale causa concorresse il fatto di altri; contro questi competerebbe tutto al piu` un diritto di rilevanza*".

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-Ewwel Talba u tiddikjara li l-konvenut John Mizzi huwa unikament responsabbli ghad-danni subiti mill-attur fil-fond proprjeta` tieghu;

Tilqa' t-Tieni Talba u tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur fl-ammont ta' tliet mija u erbatax-il lira Maltija, tmienja u erbghin centezmu (Lm314.48);

Tilqa' t-Tielet Talba u tikkundanna lill-imsemmi konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni, bl-imghaxijiet kif mitluba mill-attur;

Fl-ahhar nett tillibera lill-konvenut Jovan Mizzi mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez ghall-attur.

Salv kif fuq inghad fir-rigward tal-konvenut Jovan Mizzi, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenut l-iehor John Mizzi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------